# EŻAMIJIET ANNWALI TA' L-ISKOLA SEKONDARJA 2005

Taqsima ta' l-Assessjar Edukattiv – Diviżjoni ta' l-Edukazzjoni

**L-EWWEL SENA** **STUDJI SOĊJALI** **ĦIN: SIEGĦA U NOFS**

**Isem:** ______________________________ **Klassi:** ______________

**A. Agħżel it-tajba.**

1. Ilkoll ngħixu f'soċjetà tfisser
   a) ma' ħbiebna b) ma' ħutna ċ) man-nies l-oħrajn bħalna

2. Aħna lkoll familja waħda tfisser
   a) naħsbu għal rasna b) naħsbu f'xulxin ċ) nagħmlu kif jaqblilna

3. Ninduna min huma l-vera ħbieb meta
   a) jixtiquli l-ġid b) jagħmlu kif jaqblilhom ċ) jużawni

4. L-għalliema jixtiquli l-ġid tfisser
   a) jgħallmuni għall-futur b) ma jimpurtahomx minni ċ) jiġu l-iskola

5. Tinduna min ikun egoist/a għax
   a) jaħseb għal rasu/ha b) jaqsam ma' l-oħrajn ċ) ma jagħtix kas

6. Kull xogħol huwa meħtieġ fis-soċjetà għax
   a) kulħadd jagħmel li jrid b) jaħseb għal rasu/ha ċ) b'hekk ninqdew aħna lkoll

7. L-Istudji Soċjali huwa importanti għax jgħinni
   a) naħseb għal rasi b) naħseb f'ħaddieħor ċ) nagħmel li rrid

8. Nisseparaw l-iskart tfisser
   a) narmi bl-addoċċ b) narmi kollox ċ) narmi karti, plastik u ħġieġ għalih

9. Nibni karattru sod tfisser
   a) naħseb u nirraġuna b) naċċetta kollox ċ) ma naħsibhiex

10. Il-valuri li jgħinuni ngħix sew huma
   a) għajnuna, rispett u mħabba b) logħob u tgawdija ċ) telf ta' ħin u għażż

**(1 x 10 = 10 marki)**

**B. Ikteb sentenza biex turi d-differenza.**

1. drawwa u vizzju ________________________________________________

   ________________________________________________

2. droga ta' abbuż u mediċina ________________________________________________

   ________________________________________________

3. egoist u altruwist ________________________________________________

   ________________________________________________

4. komunità u soċjeta' ______________________________

______________________________

5. fattizzi u karattru ______________________________

______________________________

**(2 x 5 = 10 marki)**

**Ċ. Aqra u wieġeb.**

Meta nkun għadni żgħir inkun egoist u naħseb fija nnifsi biss. Nippretendi li kull darba għandha tgħaddi tiegħi u ma jimpurtanix minn ħaddieħor. Iżda meta nibda nikber, permezz tat-tagħlim li nieħu mill-familja u l-iskola, nibda nifhem li qed ngħix ma' nies oħrajn bħali u għalhekk għandi nġib ruħi kif nixtieq li ħaddieħor iġib ruħu miegħi. Għalhekk nitgħallem ngħix il-valuri bħall-imħabba, l-għajnuna u r-rispett billi jien ukoll ngħin lill-oħrajn, inħobbhom u nirrispettahom, kif huma jagħmlu lili. B'hekk naraw li s-soċjetà li ngħixu fiha hija mibnija fuq is-solidarjeta jiġifieri li kulħadd jgħin lil xulxin għax ilkoll ngawdu mill-istess drittijiet u naqdu d-dmirijiet tagħna lejn l-oħrajn.

1. Min hu egoist?

______________________________

2. Minn fejn nieħu t-tagħlim tiegħi?

______________________________

3. Kif għandi nġib ruħi fil-grupp?

______________________________

4. Semmi tliet valuri tal-ħajja fis-soċjetà.

______________________________

5. Kif nistà nurihom dawn il-valuri?

______________________________

6. Kif jgħinu s-soċjetà dawn il-valuri?

______________________________

7. X'inhi solidarjetà?

______________________________

8. Ma' min turi solidarjetà?

______________________________

9. X'inhu dritt? (*Agħti eżempju*)

______________________________

10. X'inhu dmir? (*Agħti eżempju*)

______________________________

**(1 x 10 = 10 marki)**

**D. X'jissejħu dawn?**

1. Nies li ngħix magħhom kuljum u naqsam magħhom ix-xogħol fid-dar. ____________________
2. Niltaqa' magħhom u naqsam ħsibijiet u ideat. ____________________
3. Il-kapaċitajiet li għandi għax kulħadd kapaċi għal xi ħaġa. ____________________
4. Din turi min jien. ____________________
5. Mezz ta' komunikazzjoni li turi li aħna Maltin. ____________________
6. Sistema ta' tagħlim biex tippreparana għall-futur. ____________________
7. Dawk li għandhom l-età u ħadmu għalina qabel. ____________________
8. Għaqda tal-pajjiżi kollha tad-dinja biex iżżomm il-paċi. ____________________
9. Dak kollu ta' madwarna li jaqblilna li nżommuh nadif. ____________________
10. Ħsara fil-propjetà pubblika minn dawk irresponsabbli. ____________________

**(1 x 10 = 10 marki)**

**E. Imġiba pożittiva tagħmel il-ġid lil kulħadd, iżda mġiba negattiva tagħmel il-ħsara u jbati kulħadd. Qassam dawn l-għemejjel fi tnejn, pożittivi jew negattivi, billi tpoġġi l-ittra fil-linja.**

| | | |
|---|---|---|
| a) itellef il-lezzjoni | b) taħdem f'għaqda volontarja | ċ) moħħu biex jargumenta |
| d) tqasqas fuq l-oħrajn | e) ma tistax tafdaha | f) jipprova u ma jaqtax qalbu |
| ġ) jippretendi li jagħmel li jrid | g) tmidd idejha biex tgħin lill-oħrajn | għ) jobdi u jirrispetta |
| h) tħares l-ambjent | | |

Pożittivi: ____________________________________________

Negattivi: ____________________________________________

**(1 x 10 = 10 marki)**

**F. Kompli s-sentenza biex tagħmel sens.**

1. Jaqbilli nikkopera ma' l-għalliema____________________________________________.
2. Ilkoll għandna bżonn lil xulxin ____________________________________________.
3. Nidħlu membri f'għaqda biex ____________________________________________.
4. Il-familja hija importanti ____________________________________________.
5. L-anzjani jixirqilhom rispett ____________________________________________.

**(2 x 5 = 10 marki)**

**Ġ. Illum ngħidu li l-familja hija simmetrika għax ir-rwol tal-ġenituri sar indaqs billi jaqsmu bejniethom id-drittijiet u r-responsabbiltajiet flimkien ma' uliedhom li jridu jagħtu sehemhom ukoll. Ikteb veru jew falz ħdejn kull waħda minn dawn.**

1. Fil-familja l-omm biss għandha tnaddaf. ____________________
2. Il-missier biss għandu d-dmir li jaħdem barra mid-dar. ____________________
3. Il-bniet u s-subien għandhom imiddu jdejhom ukoll fix-xogħol. ____________________

4. Il-ġenituri għandhom jiddeċiedu flimkien it-tmexxija tal-familja. ____________________

5. L-ulied għandhom jiddiskutu mal-ġenituri. ____________________

6. Ix-xiri tal-bżonnijiet għandu jsir mill-omm biss. ____________________

7. Id-dixxiplina għandu jieħu ħsiebha l-missier waħdu. ____________________

8. Kull membru għandu dritt għall-mistrieħ. ____________________

9. Il-missier għandu d-dmir li jaħsel il-karozza. ____________________

10. L-ulied għandhom isibu kollox lest. ____________________

**(1 x 10 = 10 marki)**

**G. L-ambjent huwa dak kollu ta' madwarna bħal bini u toroq, imma jiġbor fih ukoll il-kultura u d-drawwiet tagħna l-Maltin bħal festi u tradizzjonijiet kif ukoll il-familja u s-soċjetà li ngħixu fiha. Immarka bl-ittra "X" minn dawn li ġejjin dawk il-fatturi li jħassru l-ambjent tà bejnietna.**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Piki fil-festi | | Indafa fil-ġonna pubbliċi | |
| Naċċettaw lil xulxin | | Vandaliżmu | |
| L-użu tal-boroż tal-plastik | | Inkwiet u fanatiżmu | |
| Dritt ta' l-opinjoni | | Nuqqas ta' rispett | |
| Ftehim bejnietna | | Għajnuna lil min hu fil-bżonn | |

**(1 x 10 = 10 marki)**

**GĦ. Dawn il-kelmiet ħsibna fuqhom matul is-sena. Uri t-tifsira tagħhom billi tpoġġihom f'sentenza.**

1. Rwol ____________________________________________

2. Karattru ____________________________________________

3. Valuri ____________________________________________

4. Grupp ____________________________________________

5. Relazzjonijiet ____________________________________________

**(1 x 5 = 5 marki)**

**H. Ikteb madwar 120 kelma fuq WIEĦED minn dawn.**

1. X'siwi għandu l-Istudji Soċjali fil-ħajja ta' bejnietna?
2. Nibni relazzjonijiet ma' dawk kollha ta' madwari.
3. X'nieħu u x'nagħti bħala membru tal-familja.
4. L-edukazzjoni u t-tagħlim neħodhom mill-iskola, mill-familja u bnadi oħra.
5. Il-Kunsill Lokali jaħdem għall-ġid tal-komunità tiegħi.
6. Għamilt xi proġett jew ħriġt fuq mawra ma' ta' l-iskola. Għid x'tgħallimt minnu.

**(15-il marka)**